32005R0129

28.1.2005 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA* L 25/37

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 129/2005

tal-20 ta' Jannar 2005

dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerti oġġetti fin-Nomenklatura Magħquda u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 955/98

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana[1], u b'mod partikolari l-Artikolu 9(1)(a) tiegħu,

Billi:

(1) Sabiex tiżgura l-applikazzjoni uniformi tan-Nomenklatura Magħquda annessa għar-Regolament (KEE) Nru 2658/87, jeħtieġ li jiġu adottati miżuri dwar il-klassifikazzjoni tal-oġġetti li hemm referenza għalihom fl-Anness għal dan ir-Regolament.

(2) Ir-Regolament (KEE) Nru 2658/87 stabbilixxa r-regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda. Dawk ir-regoli japplikaw ukoll għal kwalunkwe nomenklatura oħra li hija kollha kemm hi jew parzjalment ibbażata fuqha jew li żżid kwalunkwe subdiviżjoni addizzjonali għaliha u li hija stabbilita skont dispożizzjonijiet speċifiċi tal-Komunità, bil-għan li jiġu applikati tariffi u miżuri oħrajn li għandhom x'jaqsmu mal-kummerċ ta' oġġetti.

(3) Skont dawk ir-regoli ġenerali, l-oġġetti deskritti fil-kolonna 1 tat-tabella elenkata fl-Anness għandhom jiġu kklassifikati skont il-kodiċijiet NM indikati fil-kolonna 2, minħabba r-raġunijiet elenkati fil-kolonna 3.

(4) Huwa xieraq li jiġi pprovdut li informazzjoni li torbot dwar it-tariffi li tkun inħarġet mill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri fir-rigward tal-klassifikazzjoni ta' oġġetti fin-Nomenklatura Magħquda iżda li mhijiex skont dan ir-Regolament tista', għal perjodu ta' tliet xhur, tibqa' tiġi invokata mid-detentur, skont l-Artikolu 12(6) tar-

[1] ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1989/2004 (ĠU L 344, 20.11.2004, p. 5).

Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Komunità[2].

(5) Il-klassifikazzjoni ta' 'apparat ta' awdjo-frekwenza' fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 955/98 tad-29 ta' April 1998 dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerti oġġetti fin-Nomenklatura Magħquda[3] wasslet għall-klassifikazzjonijiet ta' dawk li jissejħu 'sistemi taċ-ċinema fid-dar' skont il-kodiċi NM 85438995. Minħabba li dawn il-klassifikazzjonijiet mhumiex skont il-klassifikazzjoni elenkati fl-Anness għal dan ir-Regolament, dawn għandhom jitqiesu bħala mhux korretti.

(6) Għaldaqstant, ir-Regolament (KE) Nru 955/98 għandu jiġi emendat kif xieraq.

(7) Il-miżuri li huma pprovduti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-oġġetti deskritti fil-kolonna 1 tat-tabella elenkata fl-Anness għandhom jiġu kklassifikati fi ħdan in-Nomenklatura Magħquda skont il-kodiċi NM indikat fil-kolonna 2.

Artikolu 2

Informazzjoni li torbot dwar it-tariffi maħruġa mill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri, li mhijiex skont dan ir-Regolament, tista' tibqa' tiġi invokata għal perjodu ta' tliet xhur skont l-Artikolu 12(6) tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92.

Artikolu 3

Il-Punt 2 tal-Anness għar-Regolament (KE) Nru 955/98 huwa revokat.

Artikolu 4

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-20 jum ta' wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun applikabbli direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 20 ta' Jannar 2005.

Għall-Kummissjoni

---

[2] ĠU L 302, 19.10.1992, p. 1. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat bl-Att ta' Adeżjoni tal-2003.

[3] ĠU L 133, 7.5.1998, p. 12.

László KOVÁCS

Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

Deskrizzjoni	Klassifikazzjoni (Kodiċi NM)	Raġunijiet
1. Prodott impoġġi f'sett għal bejgħ bl-imnut, magħmul minn: – magna komposta (amplifikatur, riċevitur ta' xandir bir-radju AM/FM u DVD/CD plejer), – subwoofer, – ħames spikers, u – remote control. Il-prodott (magħruf bħala 'sistema taċ-ċinema fid-djar') huwa maħsub sabiex jipprovdi divertiment bl-awdjo u bil-vidjow fid-dar, prinċipalment permezz ta' riproduzzjoni tal-ħsejjes u tal-immaġnijiet maħżunin fuq DVD.	85219000	Il-klassifikazzjoni hija stabbilita permezz tad-dispożizzjonijiet tar-Regoli Ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, Nota 3 għas-Sezzjoni XVI u permezz tat-test tal-kodiċijiet NM 8521 u 85219000. Il-prodott huwa sett impoġġi għal bejgħ bl-imnut li fih, il-komponent li jagħti lis-sett il-karattru essenzjali tiegħu huwa l-magna komposta (GIR 3(b)). Fi ħdan it-tifsira tan-Nota 3 għal Sezzjoni XVI, il-komponent li jipprovdi għall-funzjoni prinċipali tal-magna komposta huwa d-DVD/CD plejer. L-amplifikazzjoni tal-ħoss u r-riproduzzjoni ta' sinjali tax-xandir bir-radju huma meqjusin bħala funzjonijiet sekondarji meta mqabbla mal-funzjoni ta' riproduzzjoni fuq vidjow. Konsegwentament, is-sett huwa klassifikabbli bħala apparat ta' riproduzzjoni fuq vidjow skont il-kodiċi NM 85219000.
2. Prodott impoġġi f'sett għal bejgħ bl-imnut, magħmul minn: – riċevitur tax-xandir bir-radju AM/FM b'amplifikatur, – a DVD/CD plejer, – "subwoofer", – ħames spikers, u – "remote control". Il-prodott (magħruf bħala 'sistema taċ-ċinema fid-	85219000	Il-klassifikazzjoni hija stabbilita permezz tad-dispożizzjonijiet tar-Regoli Ġenerali 1, 3 (b) u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda u permezz tal-formolazzjoni tal-kodiċijiet NM 8521 u 85219000. Il-prodott huwa sett impoġġi għal bejgħ bl-imnut li fih, il-komponent li jagħti lis-sett il-karattru essenzjali tiegħu huwa d-DVD/CD plejer. Konsegwentament, is-sett huwa klassifikabbli bħala apparat ta' riproduzzjoni fuq vidjow skont il-kodiċi NM 85219000.

djar') huwa mfassal sabiex jipprovdi divertiment bl-awdjo u bil-vidjow fid-dar, prinċipalment permezz ta' riproduzzjoni tal-ħsejjes u tal-immaġnijiet maħżunun fuq DVD.		
3. Analizzatur ta' netwerk magħmul minn analyser module, capture memory u interfac*e* għal magna awtomatika li tipproċessa d-dejta (ADP), f'ilqugħ waħdieni. L-analizzatur huwa mfassal sabiex jipprovdi informazzjoni fuq il-prestazzjoni tan-netwerks permezz ta' monitoraġġ tal-attività tan-netwerks, jiddekodifika kull protokoll maġġuri u jiġġenera traffiku tan-netwerk. Il-magna ADP mhijiex ippreżentata bl-analizzatur.	90318039	Il-klassifikazzjoni hija stabbilita permezz tar-Regoli Ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, in-Nota 5(E) għall-Kapitolu 84, in-Nota Addizzjonali 1 għall-Kapitolu 90 u permezz tat-test tal-kodiċijiet NM 9031, 903180 u 90318039. L-analizzatur, li jwettaq funzjoni speċifika permezz tal-analyser module, huwa esklużmill-intestatura 8471 bl-applikazzjoni tan-Nota 5(E) għall-Kapitolu 84. L-analizzatur huwa mfassal speċifikament sabiex janalizza t-traffiku f'netwerk u mhux biex ikejjel jew jiċċekkja l-kwantitajiet elettriċi, b'hekk ikun esklużmill-intestatura 9030.
4. Anallizzatur tan-netwerk magħmul minn "management bus" ċentrali, "analyser module", magna awtomatika ta' pproċessar ta' dejta, monitor u tastiera, f'ilqugħ waħdieni. L-analizzatur huwa mfassal sabiex iwettaq il-funzjonijiet li ġejjin: – janalizza l-istat operattiv tan-netwerks eżistenti u tal-prodotti tan-netwerk, – jistimula t-traffiku u l-kundizzjonijiet ta' ħsara fin-netwerks u fil-prodotti tan-	90318039	Il-klassifikazzjoni hija stabbilita permezz ta' Regoli Ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, Nota 5(E) għall-Kapitolu 84, in-Nota Addizzjonali 1 għall-Kapitolu 90 u permezz tat-test tal-kodiċijiet NM 9031, 903180 u 90318039. L-analizzatur, li jwettaq funzjoni speċifika permezz tal-"analyser module", huwa esklużmill-intestatura 8471 bl-applikazzjoni tan-Nota 5(E) għall-Kapitolu 84. L-analizzatur huwa mfassal speċifikament sabiex janalizza t-traffiku f'netwerk u mhux biex ikejjel jew jiċċekkja l-kwantitajiet elettriċi, b'hekk ikun esklużmill-intestatura 9030.

netwerks eżistenti, – jiġġenera traffiku tan-netwerk.		